# KORRISPONDENZA

Għażiż Sur Editur,

Qiegħed nibgħatlek tagħrif fuq il-*World Peace Through Law Center*, u nkunlek grat jekk tippubblikah fil-*Law Journal*.

Il-*World Peace Through Law Center* huwa organizzazzjoni internazzjonali ta' studenti, avukati, mħallfin u nies oħra interessati fil-liġi bħala mezz paċifiku ta' progress, ta' ftehim, u ta' għaqda.

L-għan ewlieni taċ-Ċentru huwa li jgħin biex tissaħħaħ is-sistema legali dinjija. Tisħiħ kemm ta' l-Istituzzjonijiet, bħalma hija l-Qorti Internazzjonali tal-Ġustizzja, kif ukoll tal-liġijiet. B'hekk jintlaħaq l-idejal fejn id-dinja jkollha ordni fil-ġustizzja għall-bnedmin u n-Nazzjonijiet kollha. Fit-twettiq ta' dan, il-professjonijiet legali għandhom sehem kbir x'jagħtu.

Iċ-Ċentru twieled fl-1963 f'laqgħa f'Ateni, il-Greċja. Illum il-membri taċ-Ċentru jiġu minn aktar minn 130 nazzjon u fl-aħħar Konferenza Dinjija organizzata miċ-Ċentru attendew madwar 4,000 ruħ. Iċ-Ċentru s'issa organizza konferenzi bħal dawn f'Ateni (1963), f'Washington D.C. (1965), f'Ġinevra (1967), f'Bangkok (1969), f'Belgrade (1971) u f'Abidjan (1973).* Bosta problemi kienu diskussi fosthom hijacking, it-terroriżmu, il-jeddijiet tar-refuġjati, l-ambjent, u r-regolazzjoni ta' drogi perikolużi.

Iċ-Ċentru għamel ukoll studji fuq għadd ta' suġġetti, fosthom: Konvenzjoni fuq it-terroriżmu; Abbozz ta' Statut fuq il-jeddijiet tar-Refuġjati; Konvenzjoni fuq il-Ko-operazzjoni dwar l-Ambjent; Trattat fuq it-Tiftix u l-Użu ta' Qiegħ il-Baħar; Abbozz ta' Statut fuq it-Tinġiż ta' l-Arja.

Fuq ir-reżoluzzjonijiet meħuda fil-konferenza ta' Abidjan, iċ-Ċentru beda Proġett fuq it-Trattati. Dan il-Proġett huwa bbażat fuq il-fatt li ħafna drabi Gvernijiet ma jissieħbux jew idumu biex jissieħbu f'konvenzjonijiet internazzjonali mhux minħabba xi interessi nazzjonali, iżda minħabba raġunijiet oħra estranei. Il-Proġett m'għandux bħala għan tiegħu illi b'xi mod iġiegħel gvernijiet isiru firmatarji ta' strument internazzjonali, iżda biss illi jiġbdilhom l-attenzjoni tagħhom għal konvenzjonijiet internazzjonali li jistgħu jiffirmaw. Bħalissa l-Proġett qiegħed jikkonċentra fuq Konvenzjonijiet dwar id-drittijiet tar-Refuġjati. Għal dan il-għan jitwaqqfu ukoll *Treaty Acceptance Committees* sabiex jaħdmu fin-nazzjonijiet tagħhom.

* Il-Konferenza li jmiss ser issir f'Washington D.C. mit-12 sas-17 ta' Ottubru 1975.

Iċ-Ċentru jżomm kuntatt ma' libreriji, assoċjazzjonijiet internazzjonali tal-Liġi, u ċentri ta' studji legali billi jsir bdil ta' pubblikazzjonijiet u tagħrif ieħor. Il-pubblikazzjonijiet taċ-Ċentru jinkludu *World Legal Directory, Law and Computer technology, Religion and the Law* u *International Control of Dangerous Drugs.* Iċ-Ċentru jippubblika wkoll *The World Law Review,* u l-bullettin informattiv tiegħu *The World Jurist.*

Iċ-Ċentru huwa apolitiku u l-membri jitkellmu bħala individwi aktar milli bħala rappreżentanti ta' pajjiż jew ideoloġija. Iċ-Ċentru għandu rappreżentanza uffiċjali fil-Ġnus Magħquda bħala *non-governmental organization.*

Fi ħdan iċ-Ċentru nsibu Assoċjazzjoni Dinjija ta' l-Imħallfin, Assoċjazzjoni Dinjija ta' l-Avukati u Assoċjazzjoni Dinjija ta' Professuri tal-Liġi.

Għoddni dejjem tiegħek,

(Michael Frendo)
Chairman Nazzjonali,
World Peace Through Law Center

---

Articles or parts thereof may not be reproduced without the permission of the Editor and author concerned. Any opinion contained therein does not necessarily represent the views of the Society. All contributions, advertisements or inquiries should be addressed to the Editor, c/o Faculty of Laws, University of Malta.